MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Numru. 948/2005

Illum, 31 ta’ Ottubru , 2007

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg )

vs

Clint Bianco

Il-Qorti ,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tal-imputat, Clint Bianco ta’ 27 sena bin Grezzju u Madeline nee’ Cropp mwieled Pieta’ fit-21 ta’ Dicembru 1977 u residenti fond Nru 70B, Flt2, Triq Censu Decandia, Hal Luqa u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 51878(M) li gie mressaq quddiemha akkuzat talli-:

Nhar it-30 ta’ Jannar 2004 u fix-xhur ta’ qabel din id-data , fil-fond 70B, Triq Censu Decandia, Hal Luqa, qatta’, kisser, waqqa’ iddistrugga, ghamel hsara , nehha , baghbas jew ikkonnetta ma’ xi parti ta’ apparat , duct, arblu, cabinet , fil, cable jew oggett jew haga li jkunu jaghmlu sehem minn , jew li jintuzaw jew iservu fin-network ta’ cable televixen jew fit-thaddim tieghu jew ghoti tas-servizz ta’ cable televixen u dana bi ksur ta’ l-artikolu 326(1) (g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ukoll talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, ikkometta is-serq ta’ servizz ta’ cable televixen ghad-dannu tal-kumpanija Melita Cable plc, liema servizz jiswa aktar minn LM100 , liema serq hu kkwakifikat bil-mezz u bil-vlaur u dna bi ksur ta’ l-artikli 261, 263, 264 u 267 tal -Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, bena , biddel ipposjeda, biegh jew xtara xi apparat li bih seta’ ikkonnettja kontra l-Ligi ma’ sistema ta’ telekomunikazzjoni u dana bi ksur tal-Artikolu 298A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll talli, fl-istess perjodu u cirkostanzi , ipprovda servizz ta’ telekomunikazzjoni jew istalla jew haddem sistema ta’ installazzjoni jew apparat tat-telekommunikazzjonijiet jew apparat tat-telekommunikazzjonijiet minghajr awtorizzazzjoni taht u skond xi dispozizzjoni tal-Artikolu 39(1)(a) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll talli , fl-istess perjodu u cirkostanzi , ipprovda jew offra ghall-bejgh jew ipprovda jew installa jew uza xi installazjoni jew apparat li ma jkunx konformi ma dawk fl-istandards teknici jew specifikazzjonijiet hekk mehtiega jew stabbiliti minn jew taht l-Att tat-Telekomunikazzjonijiet u dana bi ksur ta’ l-artiklu 39(1) (b) tal-Kap.399 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll talli, l-istess perjodu u cirkostanzi, ikkostitwixxa, serva, immantjena , biddel jew ikkontrolla xi apparat jew

installazzjoni minghajr ma kellu kwalifiki mehtiega ghal dan il-ghan u dana  bi ksur ta’ l-artikolu 39 (1) (c)   tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli, fl-istess perjodu u cirkostanzi, uza xi sistema jew apparat ta’ telekommunikazzjonijiet provduti minn proveditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie ipprovdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn proveditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekommunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew u dan bi ksur tal-artikolu 39(1) (a) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta’ Frar 2006 (esebit *a folio* 16 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-24 ta’ Frar 2006 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal 31 ta’ Ottubru 2007.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara  li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghal finijet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat (esebita *a folio* 7 tal-process) u l-fatt li

huwa rrifonda l-ammont kollu dovut lil vittma, l-fatt li l-partijiet civili rrinunzjaw ghal dak kollu li huwa rrinunzjabbli fil-konfronti tal-imputat u l-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 326(1)(g), 261, 263, 264, 267, 298A u 39(1)(a) u 39(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li jikkommettix reat iehor sa zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------